IX-XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru 3 (Tlieta) tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju, 2013 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Attard Neil |
| Kunsilliera | Borg Mary Doris |
| | Buttigieg Antonia |
| | Azzopardi Joseph |
| **L-Uffiċjal:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti. Is-Sindku ppresedja l-laqgħa.

1.1 Minħabba li f'din il-laqgħa kien hemm numru ta' nies li attendew bħala osservaturi, is-Sindku spjega li fil-laqgħat tal-Kunsill ta' kull xahar in-nies preżenti ma jistgħux jikkummentaw imma jsegwu dak kollu li jkun qed jingħad. Is-Sur Valvo spjega wkoll li kull lokal għandu laqgħa annwali li tkun miftuħa għar-residenti rreġistrati fuq dak il-lokal fejn dawn ikunu liberi li jipparteċipaw f'dak kollu li jkun qiegħed jintqal. Din il-Laqgħa Annwali tax-Xgħajra ser issir f'Lulju u r-residenti jkunu avżati u jinħareġ avviż fil-ġazzetti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Is-Sindku qara l-Minuti ta' qabel.

2.1 Korrezzjonijiet- Is-Sur Neil Attard qal li fil-laqgħa preċedenti hu tkellem fuq tranġar ta' turġien u ħaxix madwarhom mal-promenade, kif ukoll issuġġerixxa li ssir Cleaning Day madwar ix-Xgħajra.

2.2 Is-Sinjura Doris Borg qalet li għandha xi punti biex tqajjem fuq korrezzjonijiet. fuq punt nru 6.1 is-Sinj Borg qalet li hemm affarijiet li jridu jiġu rranġati. Hemm korrezzjoni għaliex is-Sinj Borg qiegħda tiġi rreferuta bħala eks-għalliema pero` hija ssostni li hija għalliema u mhux Eks-għalliema.

Is-Sinjura Borg qalet li fuq punt tas-Sindku li huwa rrefera għal pjan nazzjonali

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

tal-ġlieda kontra l-illitteriżmu, hi qatt ma semgħatu jgħid hekk u li l-aħbar ħarġet fuq il-ġażżetta xi jiem wara l-laqgħa. Is-Sindku sostna li hu qal hekk u ssekondatu l-Kunsiliiera Antonia Buttiġieġ. Is-Sur Valvo qal li huwa kien involut f'dan il-pjan minn xhur ilu u apparti hekk dan il-pjan kien ilu jiġi msemmi minn qabel l-elezzjoni.

Is-Sinj Borg qalet li s-Sinj Buttiġieġ qalet li x-Xgħajra hawn bejn erba' u ħamest itfal li huma illitterati u li hija ma taqbilx mal-mozzjoni. Antonia qalet li hi qatt ma qalet li ma taqbilx anzi qalet li anke jekk hemm persuna waħda biss u nistgħu ngħinuha. Doris Borg qalet li hi taħseb li hi kienet semmieta din il-ħaġa.

Is-Sinjura Borg qalet li l-Kunsillier Joe Azzopardi qal li hu mhux intiż fuq l-illitteriżmu. Is-Sur Joe Azzopardi qal li huwa qatt ma qal li m'hawnx pero` li hu ma jafx bi tfal illitterati u li jekk hawn ikunu diġa` qiegħdin jieħdu ħsiebhom l-għalliema u facilitators tal-iskola.

Is-Sinj Borg riedet tikkoreġi wkoll paragrafu 8 f'punt nru 6.1 fejn hemm ma' Malta kollha ghaliex hi qalet li tat il-kontribut tagħha fuq l-illitteriżmu fl-iskejjel li ħadmet. Is-Sinjura Borg qalet li skond l-Att dwar il-Kunsilli, Artiklu 33 sub(1), il-Kunsill irid jiffaċċja u jippromovi dawn l-iniżjattivi.

Wara aktar argumenti s-Sindku qal li f'dawn l-aħħar 13-il sena qatt ma kellna argumenti u inċidenti bħal dawn u sostna li fil-Kunsill tax-Xgħajra dejjem ħadmu bħala team u mhux individwalment. Is-Sur Joe Azzopardi issdekonda dan l-istatement tas-Sindku.

Is-Sindku sġjega li l-għan ewlieni tal-Kunsill huwa li jtejjeb l-għixien tar-residenti tax-Xgħajra f'kull qasam permissibbli u l-Kunsill għandu jkun impenjat li jieħu kull iniżjattiva li hemm bżonn tittieħed għal dan il-għan u għandu jkun ippjanat u attwat f'isem il-Kunsill tax-Xgħajra u bħala team.

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Approvazzjoni ta' l-infieq ta' Mejju

3.1 Il-pagamenti għax-xahar ta' Mejju ġew approvati unanimament.

4. Item Nru 4 fuq l-aġenda – Xogħol madwar ix-Xgħajra

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

4.1 Is-Sur Neil Attard staqsa fuq ir-railing tal-Promenade f'hiex wasal, dwar il-ħaxix tax-xatt u x'sar fuq il-latrina.

Is-Sindku qallu li fuq il-promenade, dak inhar filgħodu s-Segretarju u-Sur Joe Azzopardi kellhom laqgħa mal-Public Works u ġie miftiehem li ser jibdew mill-ġimgħa d-dieħla joborxu u jiżbgħu. Il-Kunsill irid jixtri ż-żebgħa forest green.

Rigward il-ħaxix tax-xatt is-Sindku qallu li fi ftit żmien il-ħaddiema ser jibdew xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix.

Is-Sindku rrisponda li l-latrina bħalissa għaddejjin minn fażi ta' manutenzjoni mill-ħaddiema tal-IPSL u apparti hekk issa qiegħdha tkun miftuħa kuljum u jieħu ħsiebha Raymond Meli li huwa parti mill-iskema ta' l-ETC. Il-Kunsill mhux qed joħroġ xejn bħala spejjeż biex tinfetah il-latrina.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda – Attivitajiet u Sotto Kumitati

5.1 Is-Sindku qal lil Kunsilliera Doris Borg li hija ma tistax taħdem waħedha u jrid bilfors jiġi nvolut is-Sotto Kumitat kollu. Is-Sinj Doris qalet li mhux ser taħdem waħedha, tant u hekk li l-mozzjoni tagħha ssemmi li dan jista' jsir bil-kollaborazzjoni tal-iskola.

Is-Sindku qara l-lista tas-Sotto Kumitati li ser ikollu l-Kunsill. Is-Sinjura Borg qalet li hi tixtieq tkun membru wkoll tas-Sotto Kumitat tal-isport. Hija qalet ukoll li ġiet avviċinata minn xi nies li jixtiequ jagħtu għajnuna fis-sotto kumitati. Is-Sindku sġjega li kull min jixtieq jipparteċipa huwa dejjem "welcomed" għax mill-esperjenza ta' dawn is-sotto kumitati dejjem irriżulta li wara li ħafna jgħidu li ser jieħdu parti dejjem nispiċċaw b'numru żgħir ta' nies.

6. Item Nru 6 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

6.1 Is-Sindku tkellem fuq il-Board meeting tal-MEPA li ġie enforced fuq SmartCity minħabba talba tal-istess SmartCity li jridu jneħħu l-istrumenti tal-Monitoring tal-vibrations u trab li jinħoloq ġewwa SmartCity. F'isem il-Kunsill tax-Xgħajra kien hemm preżenti s-Sur Joe Azzopardi, s-Sinj Antonia Buttiġieġ u s-Sinj Doris Borg. Is-Sur Azzpardi (li fil-passat kien diġa' ħa parti attiva fir-rappreżentanza tax-Xgħajra

mal-MEPA) ppreżenta email fejn tgħid li l-Kunsill ma jaqbilx mal-fatt li jitnaqqas il-monitoring minn SmartCity. Il-Bord tal-MEPA ddeċieda li ssir laqgħa mal-Kunsill tax-Xgħajra sabiex dan l-argument jiġi diskuss aktar fil-fond. Fuq dan l-istess argument inħarġet stqarrija fuq The Malta Independent.

6.2 Is-Sinj Borg issuġġeriet li l-librerija tibda tiftah ġurnata oħra għaliex nhar ta'Ħamis ikun hemm il-katekiżmu. Is-Sinj Borg issuġġeriet ukoll li l-kotba jiġu ggrupjati skond l-etajiet sabiex ikun aktar faċli għat-tfal li jsibu dak li jikkonċernhom. Is-Sindku kkummenta fuq din li kemm ilha miftuħa l-librerija, tul dawn l-aħħar 10 snin, ma kienx hemm problemi kemm mit-tfal li jagħżlu l-kotba kif ukoll mill-ġenituri li jakkumpanjawhom.

6.3 Is-Sindku tkellem fuq l-aġġornament li għandu fu q il-mozzjoni ta' l-illitteriżmu. Is-Sur Valvo qal li hu kellu żewġ laqgħat mal-Kap tal-iskola, il-Prinċipal kif ukoll l-Assistant Kap. Minn dawn il-laqgħat ħareġ li l-iskola tista' tkun disponibbli wara l-ħin kemm għall-Kunsill kif ukoll għas-Sotto Kumitati.

Is-Sur Valvo qal li s-Surmast issuġġerixxa li ninkludu wkoll lill-Kunsill Solastiku.

Is-Sindku qal li ser ikollna sotto kumitat għall-Kultura, Sport u Edukazzjoni u nistgħu nibdew nużaw is-sala tal-iskola minbarra s-sala li għandna maġenb il-librerija li hija aktar ċentrali imma fl-iskola hemm aktar apparat li jkun jista jintuża.L-importanti li l-attivitajiet isiru f'isem il-Kunsill. Issa li jmiss huwa li ssir laqgħa mal-Kap u l-Assistent Kap sabiex naraw x'faċilitajiet u equipment għandhom a dispożizzjoni u jekk ikollna bżonn aktar nixtruhom aħna.

Kien hemm qbil unanimu li dawn l-attivitajiet isiru għat-tfal tax-Xgħajra kollha anke dawk li ma jattendux l-iskola tax-Xgħajra.

6.4 Is-Sur Azzopardi staqsa illi jekk hawn illitteriżmu fix-Xgħajra kien hemm xi statistika fuq dan. Is-Sur Valvo qallu li minħabba li x-Xgħajra hawn skola żgħira, ċertu tfal bi bżonnijiet speċjali jkollhom il-facilitator magħhom.

Is-Sinj Borg qalet li Malta tinsab fil-35 post minn 45 pajjiż fuq l-illitteriżmu. Is-Sur Valvo qal li avolja li x-Xgħajra tinsab aħjar minn postijiet oħra f'Malta imma huwa

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

t'interess li l-Kunsill jagħmel dak kollu li jista' sabiex jgħin f'dan il-qasam.

Is-Sur Valvo għalaq dan is-suġġett li kienet marbuta mal-mozzjoni ppreżentata mis-Sinj Borg u spjega li filwaqt li mozzjonijiet magħmula skond il-liġi u regoli iridu jiġu diskussi u eventwalment ivvotati fuqhom, f'dan il-każ hemm qbil unanimu li f'interess ta' dawk it-tfal u oħrajn fix-Xgħajra li għandhom bżonn l-għajnuna, il-Kunsill b'mod kollettiv għandu jagħmel dak kollu meħtieġ.

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Aġġornament

7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 26 ta' Ġunju, 2013 fil -5.30pm.

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt